**Eżamijiet Annwali ta' l-Iskola Sekondarja 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Form 1** **STORJA** **Ħin: Siegħa u Nofs**

**Isem**: ___________________________________ **Klassi**: _____________________

## L-**Ewwel taqsima**: **Studju dwar l-istorja**:

## A: **Ħares lejn l-istampa imbagħad wieġeb**:



1. Liema minn dawn id-dati taqbel l-iktar ma' l-istampa?
   (a) 2000 w.K (b) 1000 w.K (c) 3000 q.K (1)

2. Taħseb li l-istampa hija tpenġija jew xi ħadd ħa ritratt ______________ (1)

3. Liema minn dawn l-attivitajiet li ġejjin taħseb li kienu jagħmlu n-nies ta' dak iż-żmien? Immarka l-*ħamsa* tajbin billi tagħmel sinjal fil-kaxxi l-vojta.

| | | |
|---|---|---|
| a | Jieklu biex ikunu jifilħu jaħdmu | |
| b | Jaħdmu l-għelieqi biex ikollhom l-ikel | |
| c | Jużaw il-*welding* fix-xogħol tagħhom | |
| d | Jirkbu l-karozza tal-linja biex imorru għax-xogħol | |
| e | Jorqdu biex jistrieħu | |
| f | Jużaw għodda tal-ġebel | |
| g | Jagħtu qima lil alla forma ta' mara ħoxna | |
| h | Jieħdu *panadol* meta taqbadhom uġigħ ta' ras | |

(5)

4. Għid kif ġraw fl-istorja ta’ Malta. Ikteb numru fil-kaxxi tal-lemin:

| | |
|---|---|
| San Pawl idaħħal it-twemmin nisrani f’Malta | |
| Ir-Rumani jeqirdu l-belt ta’ Kartaġni | |
| Jitħaffer l-Ipoġew ta’ Ħalsaflieni | |
| l-Għarab jirbħu l-gżejjer Maltin | |
| Jaslu l-ewwel nies f’Malta minn Sqallija | |

(5)

------------------------------(total marki l-I taqsima = 12-il marka)----------------------------

# It-2 taqsima: Il-PREISTORJA

**B**: **<u>Aqta’ sing taħt it-tajba</u>**:

1. F’Għar Dalam sibna fdalijiet ta’ annimali bħal orsijiet, ippopotami u (ċriev, tigri, qtates).

2. Biex insiru nafu aktar fuq iż-żminijiet preistoriċi għandna bżonn ħafna l-għajnuna (ta’ l-arkeologu, tat-tabib, tal-perit).

3. Meta l-arkeoloġi iħaffru biex jippruvaw isibu fdalijiet storiċi, ikunu qed jagħmlu (skavi, passatemp, kuntrabandu).

4. Iż-żmien meta nbnew it-tempji megalitiċi baqa’ magħruf bħala (Żmien il-Bronż, Żmien ir-Rumani, Żmien ir-Ram).

5. Ħal Tarxien sibna fdalijiet ta’ (Ipoġew, katakombi, tempji megalitiċi).

6. Il-fuħħar ta’ Żmien ir-Ram huwa (isbaħ mill-, ikreh mill-, sabiħ daqs il-) fuħħar ta’ Żmien il-Bronż.

7. Sibna l-oraklu u kamra qaddisa magħrufa bħal s-Sancta Sanctorum (Ħaġar Qim, Ħal Tarxien, Ħal Saflieni).

8. Sibna statwi ta’ nisa ħoxnin magħrufa bħala “alla tal-fertilita`” Ħal Tarxien, il-Ġgantija, Tas-Silġ u (Ħaġar Qim, Għar Dalam, Borġ in-Nadur).

(8 marki)

**C**: **Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Preistorja | Tibda l-istorja ta' Malta | |
| 2 | Jaslu l-Feniċi | Żmien il-Ġdid tal-Ħaġar; il-bniedem ma jibqax nomadu imma jsir bidwi | |
| 3 | Neolitiku | Ħaġra kbira wieqfa | |
| 4 | Dolmen | Għadam ġebli | |
| 5 | Menhir | Ħaġra kbira mimduda | |
| 6 | Fossili | Jinsab fil-limiti ta' Birżebbuġa; hawn sibna fossili ta' annimali | |
| 7 | Għar Dalam | Hawn sibna l-ikbar statwa tal-Mara l-Ħoxna | |
| 8 | Megalitiku | Sibna fdalijiet ta' Żmien il-Bronż | |
| 9 | Tarxien | Mibni b'ġebel kbir | |
| 10 | Baħrija | iż-żmien kollu qabel ġew il-Feniċi | |

(10 marki)

**D**: **Wieġeb**:

1. Kif nafu li Malta xi darba kienet magħquda ma' l-Ewropa?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

2. X'inbena l-ewwel, Ħaġar Qim jew il-Piramidi? ________________ (2)

3. X'inhi d-differenza bejn tempju u Ipoġew?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

4. X'użu għandhom it-tempji megalitiċi llum? Għid **kif** u **għaliex** għandna nħarsuhom u nieħdu ħsiebhom.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (6)

**E**: **Ħares lejn il-mappa imbagħad wieġeb billi timla l-vojt**:




**Imla l-vojt**:

1. Fejn hemm in-numru 1 sibna fossili ta' annimali li llum ma għadhomx jistgħu jgħixu hawn Malta f'ambjent salvaġġ. Dan il-post huwa ______________________________ . (1)

2. Fejn hemm in-numru 2 sibna fdalijiet Preistoriċi, fdalijiet tal-Feniċi, tal-Kartaġiniżi, tar-Rumani, tal-Biżantini u ta' l-Għarab. Dan il-post huwa magħruf bħala __________________________ . (1)

3. Fejn hemm in-numru 3, qrib l-Imġarr Malta sibna l-eqdem fdalijiet ta' griebeġ (djar żgħar). Il-post huwa magħruf bħala _______________. (1)

4. Qrib ix-Xagħra Għawdex sibna l-fdalijiet ta' tempji megalitiċi mill-isbaħ. Dawn huma magħrufa bħala t-tempji tal- ___________________ . (1)

5. Fejn hemm in-numru 5 sibna l-fdalijiet ta' tempji megalitiċi fil-limiti tal-Qrendi. Dawn huma t-tempji ta' ____________________________ . (1)

-------------------------------------(total marki għat-**tieni** taqsima = 35 marka)---------------------

# It-3 taqsima: Ir-Rumani

**F**: **Aqra dan li ġej imbagħad wieġeb skond il-bżonn**:

1. Matul l-istorja tagħhom il-Gżejjer Maltin kienu maħkuma minn ġnus differenti. Poġġi dawn li ġejjin wara xulxin skond iż-żmien li fih ħakmu fuqna.

*Rumani,* *Feniċi,* *Kartaġiniżi* (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| (a) | (b) | (c) |

2. Fil-Mediterran qamet pika bejn Ruma u Kartaġni. Kemm-il gwerra iġġieldu bejniethom il-Kartaġiniżi u r-Rumani?______________________ (1)

3. Kif baqgħu magħrufa dawn il-gwerer bejn il-Kartaġiniżi u r-Rumani?

_______________________________________________________ (1)

4. F'liema waħda minn dawn il-gwerer Malta ntrebħet mir-Rumani?

_______________________________________________________ (1)

5. Bil-mod il-mod, il-Gżejjer Maltin bdew jagħmlu progress kbir taħt ir-Rumani. Għawdex sibna fdalijiet ta' villa Rumana lussuża qrib il-baħar. Fejn sibnieha?
_______________________________________________________ (1)

6. Ħares lejn l-istampi imbagħad wieġeb:



**Lucio** *huwa tifel Ruman li kien jgħix ġo dar lussuża fir-Rabat fi żmien ir-Rumani. Lucio kien ħabib ħafna ta'* **Favia**, *tifla li kienet tgħix f'dar fqira mhux bogħod mid-dar ta' Lucio. Flok min tixtieq kont, flok Lucio jew Favia. Għaliex*?

_______________________________________
_______________________________________
_______________________________________
_______________________________________
_______________________________________
_______________________________________



_______________________________________________________
_______________________________________________________ (3)

## G: <u>Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta</u>:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Għajn Tuffieħa | Il-belt kapitali ta' Malta fi żmien ir-Rumani | |
| 2 | Ċiċerun | Fdalijiet ta' villa Rumana | |
| 3 | Ta' Kaċċatura Birżebbuġa | Avukat Ruman li akkuża lil Kajjus Verres b'serq minn Malta | |
| 4 | Dar Rumana fir-Rabat Malta | Il-Maltin beda jkollhom sehem fit-tmexxija ta' pajjiżhom | |
| 5 | Melita | Fdalijiet ta' banjijiet Rumani | |
| 6 | Gaudisium | Mużew bil-fdalijiet Rumani | |
| 7 | Muniċipju | Maħtur mill-Imperatur u kellu l-ikbar setgħa fuq Malta | |
| 8 | Prokuratur | Għawdex kien magħruf hekk fi żmien il-ħakma Rumana | |

(8 marki)

## H: <u>Aqta' sing taħt it-tajba</u>:

1. Il-Pretur Kajjus Verres (qatt ma ġie Malta, ġie Malta darba biss, kien joqgħod Malta).
2. Kajjus Verres seraq minn Malta, l-aktar mit-tempju (f'Tas-Silġ, fir-Rabat, fiż-Żurrieq).
3. Ir-Rumani taw importanza kbira (lill-Griegi, lil-liġijiet, lill-baħar).
4. (Ġulju Ċesri, Hannibal, Kajjus Verres) kien ġeneral kbir Ruman li wara sar Imperatur.
5. San Pawl daħħal it-twemmin nisrani fil-gżejjer Maltin (fis-sena 70 w.K, fis-sena 60 w.K, fis-ena 1000 w.K).
6. San Pawl kien sejjer (Kartaġni, l-Greċja, Ruma) meta x-xini li kien fuqu tfarrak f'maltempata qrib il-gżejjer Maltin.

(6 marki)

## I: <u>Ikteb dwar dan is-suġġett</u>: *Meta San Pawl daħħal it-twemmin nisrani fil-gżejjer Maltin, mhux kulħadd sar nisrani mill-ewwel. Bosta baqgħu pagani. Kif nafuh dan*?



________________________________________________
________________________________________________
________________________________________________
________________________________________________
________________________________________________
__________________________________________(4 marki)

--------------------------------------(total marki 3 taqsima = 28 marka)---------------------------

# Ir-4 taqsima: Iċ-Ċiviltajiet Ewlenin fil-Mediterran

**J**: Imla dawn fil-vojt skond iċ-ċivilta` li huma marbuta magħha:

Piramidi, alla Zeus, Aristotle, alla Melkart, Plato, Xmara Nil, mummja, moskea, Ħeġira, Logħob Olimpiku, Muhammad, Kandilabru ta' l-irħam (Ċippus), Murex Tunculus, siġar taċ-ċedru, Mekka, Farawni,



Iċ-**Ċivilta` ta' l-Eġizzjani**:
(a) ________________________________
(b) ________________________________
(c) ________________________________
(d) ________________________________



Iċ-**Ċivilta` tal-Griegi**:
(a) ________________________________
(b) ________________________________
(c) ________________________________
(d) ________________________________



Iċ-**Ċivilta` tal-Feniċi u l-Kartaġiniżi**:
(a) ________________________________
(b) ________________________________
(c) ________________________________
(d) ________________________________



Iċ-**Ċivilta` Għarbija**:
(a) ________________________________
(b) ________________________________
(c) ________________________________
(d) ________________________________

(16-il marka)

**K**: Ħares lejn il-mappa:




Wieġeb billi tikteb in-numri mill-1 sa l-4 fil-kaxxi l-vojta skond il-mappa:

| | |
|---|---|
| **Il-Lebanon** – minn din l-art, ħarġu l-Feniċi u waqqfu kolonji mad-dawra tal-Mediterran kollu | |
| **il-Greċja –** kellha ċivilta` kbira li għadha importanti sal-lum | |
| **l-Eġittu –** kellu ċivilta` kbira fil-passat | |
| **Kartaġni** – inqerdet mir-Rumani fit-3 gwerra Punika | |

(4 marki)

**L**: Aqra imbagħad wieġeb: L-**Għarab** *kellhom ċivilta` kbira li kibret u xterdet max-xtut tal-Baħar Mediterran. Ikteb ftit linji dwar kif l-Għarab ħallew il-marki tagħhom fuq il-gżejjer Maltin.*




_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (5 marki)

------------------------------(total marki taqsima 4 = 25 marka)------------------------------------